ex 2208	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' inqas minn 80 % vol.; spirti, likuri u xorbi ieħor spirituż: - Rum u spirti oħra magħmulin bid-distillar ta' prodotti miz-zokkor tal-kannamieli fermentat: 2208.4011 --- Fpakketti tal-azzar li jintremew 2208.4012 --- Fpakketti tal-aluminju li jintremew 2208.4013 --- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal aktar minn 500 ml 2208.4014 --- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal 500 ml jew anqas 2208.4015 --- Fpakketti tal-plastik, ikkuluriti, li jintremew 2208.4016 --- Fpakketti tal-plastik, mhux ikkuluriti, li jintremew 2208.4019 --- Oħrajn - Ġinn u Ġnibru: - - Ġinn: 2208.5031 --- Fpakketti tal-azzar li jintremew 2208.5032 --- Fpakketti tal-aluminju li jintremew 2208.5033 --- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal aktar minn 500 ml 2208.5034 --- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal 500 ml jew anqas 2208.5035 --- Fpakketti tal-plastik, ikkuluriti, li jintremew 2208.5036 --- Fpakketti tal-plastik, mhux ikkuluriti, li jintremew 2208.5039 --- Oħrajn - - ġnibru: 2208.5041 --- Fpakketti tal-azzar li jintremew 2208.5042 --- Fpakketti tal-aluminju li jintremew 2208.5043 --- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal aktar minn 500 ml 2208.5044 --- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal 500 ml jew anqas 2208.5045 --- Fpakketti tal-plastik, ikkuluriti, li jintremew 2208.5046 --- Fpakketti tal-plastik, mhux ikkuluriti, li jintremew 2208.5049 --- Oħrajn - Vodka: 2208.6011 --- Fpakketti tal-azzar li jintremew 2208.6012 --- Fpakketti tal-aluminju li jintremew

Kodiċi tat-Tariffi tal-Iżlanda	Deskrizzjoni tal-prodott
2208.6013	-- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal aktar minn 500 ml
2208.6014	-- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal 500 ml jew anqas
2208.6015	-- Fpakketti tal-plastik, ikkuluriti, li jintremew
2208.6016	-- Fpakketti tal-plastik, mhux ikkuluriti, li jintremew
2208.6019	-- Oħrajn - Likuri u kordjali: -- B'qawwa alkoħolika skont il-volum ta' aktar minn 0,5 % sa u inkluż il-volum ta' 2,25 %: -- Fpakketti tal-azzar li jintremew
2208.7021	-- Fpakketti tal-aluminju li jintremew
2208.7022	-- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal aktar minn 500 ml
2208.7023	-- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal aktar minn 500 ml jew anqas
2208.7025	-- Fpakketti tal-plastik, ikkuluriti, li jintremew
2208.7026	-- Fpakketti tal-plastik, mhux ikkuluriti, li jintremew
2208.7029	-- Oħrajn - Oħrajn: -- Fpakketti tal-azzar li jintremew
2208.7081	-- Fpakketti tal-aluminju li jintremew
2208.7082	-- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal aktar minn 500 ml
2208.7083	-- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal aktar minn 500 ml jew anqas
2208.7085	-- Fpakketti tal-plastik, ikkuluriti, li jintremew
2208.7086	-- Fpakketti tal-plastik, mhux ikkuluriti, li jintremew
2208.7089	-- Oħrajn - Oħrajn: -- Aqua vitae (brennivín): -- Fpakketti tal-azzar li jintremew
2208.9021	-- Fpakketti tal-aluminju li jintremew
2208.9022	-- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal aktar minn 500 ml
2208.9023	-- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal aktar minn 500 ml jew anqas
2208.9025	-- Fpakketti tal-plastik, ikkuluriti, li jintremew
2208.9026	-- Fpakketti tal-plastik, mhux ikkuluriti, li jintremew
2208.9029	-- Oħrajn - Aquavit: -- Fpakketti tal-azzar li jintremew
2208.9031	-- Fpakketti tal-aluminju li jintremew
2208.9032	-- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal aktar minn 500 ml
2208.9033	-- Fpakketti tal-ħġieġ li jintremew għal aktar minn 500 ml jew anqas
2208.9034	-- Fpakketti tal-plastik, ikkuluriti, li jintremew
2208.9035	-- Fpakketti tal-plastik, mhux ikkuluriti, li jintremew
2208.9036	-- Oħrajn
2209.0000	Hall u sostituti tal-hall magħmulin minn aċtu aċetiku

Kodiċi tat-Tariffi tal-Iżlanda	Deskrizzjoni tal-prodott
2402	Sigarri, cheroots, cigarillos u sigarretti, ta' tabakk jew ta' sostituti ta' tabakk: – Sigarri, cheroots u cigarillos, li fihom it-tabakk: – – Miġjub fil-pajjiż minn vjaġġaturi, membri tal-ekwipaġġ u oħrajn għal użu personali, jew jintbagħat lill-pajjiż mingħajr ma tkun importazzjoni professjonali
2402.1001	– – Oħrajn
2402.1009	– – Sigaretti li fihom it-tabakk: – – Miġjub fil-pajjiż minn vjaġġaturi, membri tal-ekwipaġġ u oħrajn għal użu personali, jew jintbagħat lill-pajjiż mingħajr ma tkun importazzjoni professjonali
2402.2001	– – Oħrajn:
2402.2009	– – – Sigarri, cheroots u cigarillos, tas-sostituti tat-tabakk: – – – Miġjub fil-pajjiż minn vjaġġaturi, membri tal-ekwipaġġ u oħrajn għal użu personali, jew jintbagħat lill-pajjiż mingħajr ma tkun importazzjoni professjonali
2402.9011	– – – Oħrajn
2402.9019	– – – Oħrajn:
2402.9091	– – – Miġjub fil-pajjiż minn vjaġġaturi, membri tal-ekwipaġġ u oħrajn għal użu personali, jew jintbagħat lill-pajjiż mingħajr ma tkun importazzjoni professjonali
2402.9099	– – – Oħrajn
2403	Tabakk ieħor manifatturat u sostituti tat-tabakk manifatturat; tabakk ‘omoġenizzat’ jew ‘rikostitwi’; estratti u essenzi ta’ tabakk: – Tabakk tat-tipjip, kemm jekk fih sostituti ta’ tabakk f'kull proporzjon kif ukoll jekk ma fihx: – – Tabakk tal-pipa tal-ilma spēċifikat f'nota 1 tas-Subtitolu għal dan il-Kapitolu: – – – Miġjub fil-pajjiż minn vjaġġaturi, membri tal-ekwipaġġ u oħrajn għal użu personali, jew jintbagħat lill-pajjiż mingħajr ma tkun importazzjoni professjonali
2403.1101	– – – Oħrajn
2403.1109	– – – Oħrajn:
2403.1901	– – – Miġjub fil-pajjiż minn vjaġġaturi, membri tal-ekwipaġġ u oħrajn għal użu personali, jew jintbagħat lill-pajjiż mingħajr ma tkun importazzjoni professjonali
2403.1909	– – – Oħrajn
2403.9101	– – – Tabakk ‘omoġenizzat’ jew ‘rikostitwi’: – – – Miġjub fil-pajjiż minn vjaġġaturi, membri tal-ekwipaġġ u oħrajn għal użu personali, jew jintbagħat lill-pajjiż mingħajr ma tkun importazzjoni professjonali
2403.9109	– – – Oħrajn
2403.9911	– – – Oħrajn:
2403.9919	– – – Tabakk nażali li fih <i>solutio ammoniae</i> :
2403.9921	– – – Miġjub fil-pajjiż minn vjaġġaturi, membri tal-ekwipaġġ u oħrajn għal użu personali, jew jintbagħat lill-pajjiż mingħajr ma tkun importazzjoni professjonali

Kodiċi tat-Tariffi tal-Iżlanda	Deskrizzjoni tal-prodott
2403.9929	- - - - Oħrajn - - - Oħrajn:
2403.9992	- - - - Imitazzjonijiet tat-tabakk nażali
2403.9993	- - - - Imitazzjonijiet tat-tabakk għall-użu orali
2403.9994	- - - - Oħrajn, miġjuba fil-pajjiż minn vjaggħaturi, membri tal-ekwipaqg u oħrajn għal-użu personali, jew jintbagħtu lill-pajjiż mingħajr ma tkun importazzjoni professionali
2403.9999	- - - - Oħrajn"

(2) Il-paragrafu (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(2) Il-kodiċijiet ta' tariffi stabbiliti fil-Paragrafu (1) jirreferu għal dawk applikabbi fl-Iżlanda fl-1 ta' Lulju 2001. Il-kodiċijiet ta' tariffi stabbiliti fil-paragrafu (1a) jirreferu għal dawk applikabbi fl-Iżlanda fl-1 ta' Jannar 2015. It-termini ta' dan l-Anness mħumiex ser ikunu affettwati minn xi bidliet li jistgħu jseħħu fin-nomenklatura tat-tariffi.”

---

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 116/2017

tat-13 ta' Ġunju 2017

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet [2018/809]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħi,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE fazzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq uniku għal servizzi finanzjarji.
- (2) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE jenħtieġ li għalhekk jiġi emendat sabiex dik il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2017,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

### Artikolu 1

Fl-Artikolu 7(11) tal-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, il-kliem "is-sena finanzjarja 2016" huwa sostitwit bil-kliem "is-snin finanzjarji 2016 u 2017".

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (\*).

Għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2017.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-TaqSIMA taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħi dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---

(\*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonal ma huma indikati.

**DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 117/2017****tat-13 ta' Ġunju 2017**

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet [2018/810]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE fazzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Ūnioni Ewropea fir-rigward tal-liġi tal-kumpaniji.
- (2) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE jenħtieġ li għalhekk jiġi emendat sabiex dik il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2017,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 7(13) tal-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, il-kliem "is-sena finanzjarja 2016" huwa sostitwit bil-kliem "is-snin finanzjarji 2016 u 2017".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (\*).

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2017.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---

(\*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonal ma huma indikati.

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 109/2017

tat-16 ta' Ġunju 2017

**li temenda l-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2018/811]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissionijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-aproċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissionijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi ħsief (¹) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1014/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' dejta fuq ir-reġistrazzjoni ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 63/2011 tas-26 ta' Jannar 2011 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni għal deroga mill-miri spċifici tal-emissionijiet tas-CO<sub>2</sub> skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 tal-25 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u c-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnejha tal-emissionijiet ta' CO<sub>2</sub> minn karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew tal-Kunsill (⁴) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (5) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 429/2012 tat-22 ta' Mejju 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1014/2010 bil-ġhan li jkun hemm mudell komuni għan-notifika ta' żbalji mill-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri (⁵) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (6) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 396/2013 tat-30 ta' April 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1014/2010 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti rekwiżiti għall-monitoraġġ tal-emissionijiet tas-CO<sub>2</sub> minn karozzi ġodda tal-passiġġieri (⁶) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 397/2013 tat-30 ta' April 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ tal-emissionijiet ta' CO<sub>2</sub> minn karozzi ġodda tal-passiġġieri (⁷) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (8) Ir-Regolament (UE) Nru 333/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 443/2009 bl-ġhan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissionijiet ta' CO<sub>2</sub> minn karozzi ġodda tal-passiġġieri (⁸) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (9) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/6 tal-31 ta' Ottubru 2014 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex iqis l-evoluzzjoni tal-massa tal-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-2011, l-2012 u l-2013 (⁹) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (10) Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 iħassar id-Direttiva 1753/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹⁰) li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim ŻEE.

(¹) ĠUL 140, 5.6.2009, p. 1.

(²) ĠUL 293, 11.11.2010, p. 15.

(³) ĠUL 23, 27.1.2011, p. 16.

(⁴) ĠUL 194, 26.7.2011, p. 19.

(⁵) ĠUL 132, 23.5.2012, p. 11.

(⁶) ĠUL 120, 1.5.2013, p. 1.

(⁷) ĠUL 120, 1.5.2013, p. 4.

(⁸) ĠUL 103, 5.4.2014, p. 15.

(⁹) ĠUL 3, 7.1.2015, p. 1.

(¹⁰) ĠUL 202, 10.8.2000, p. 1.

(11) Jenħtieġ li l-Anness XX għall-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

L-Anness XX għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 21ae (id-Deċiżjoni Nru 1753/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"32009 R 0443:** Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissionijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-aproċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissionijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi ħsief (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1), kif emendat bi:

- **32013 R 0397:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 397/2013 tat-30 ta' April 2013 (ĠU L 120, 1.5.2013, p. 4),
- **32014 R 0333:** Ir-Regolament (UE) Nru 333/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 (ĠU L 103, 5.4.2014, p. 15),
- **32015 R 0006:** Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/6 tal-31 ta' Ottubru 2014 (ĠU L 3, 7.1.2015, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Is-subparagrafu segwenti għandu jinċidied fl-Artikolu 7(2):

Jekk il-grupp jinkludi biss il-manifatturi stabbiliti fl-Istati tal-EFTA, il-manifatturi għandhom jirreġistraw l-informazzjoni mal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Jekk il-grupp jinkludi mill-inqas manifattur wieħed stabbilit fl-Unjoni u mill-inqas manifattur wieħed stabbilit fl-Istati tal-EFTA, il-manifatturi għandhom jirreġistraw l-informazzjoni mal-Kummissjoni u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.'

(b) Is-subparagrafu segwenti għandu jinċidied fl-Artikolu 7(3):

'L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinnotifika lill-manifatturi stabbiliti fl-Istati tal-EFTA.'

(c) Is-subparagrafu segwenti għandu jinċidied fl-Artikolu 7(4):

Jekk il-grupp jinkludi biss il-manifatturi stabbiliti fl-Istati tal-EFTA, il-manifatturi jinformaw b'mod konġunt l-informazzjoni mal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Jekk il-grupp jinkludi jew huwa estiż biex jinkludi mill-inqas manifattur wieħed stabbilit fl-Unjoni u mill-inqas manifattur wieħed stabbilit fl-Istati tal-EFTA, il-manifatturi għandhom konġument jinformaw kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.'

(d) Fl-Artikolu 7(5), il-kliem 'l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat' jinqraw 'l-Artikoli 53 u 54 tal-Ftehim ŻEE' u l-kelma 'Komunità' tinqara 'ŻEE'.

(e) Fl-Artikolu 7(7) u l-Artikolu 10(1), il-kliem 'jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandhom jiddaħħlu wara l-kelma 'Kummissjoni'.

(f) Id-data li jirrappurtaw l-Istati tal-EFTA għandha tinżamm ukoll fir-reġistru ċentrali msemmi fl-Artikolu 8(4).

(g) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 8(4):

'L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tagħmel il-kalkoli stipulati fis-subparagrafu 1 għall-manifatturi stabbiliti fl-Istati tal-EFTA u tinnotifika lil kull manifattur stabbiliti fl-Istati tal-EFTA konformi mat-tieni subparagrafu.'

(h) Mingħajr preġudizzju għall-Protokoll 1 tal-Ftehim, fl-Artikolu fl-Artikolu 8(5) u (6), l-Artikolu 11(3), (4), (5) u (6), il-kliem 'jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ, għandhom jiddaħħlu wara l-kelma 'Kummissjoni'.

(i) Is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Artikolu 9(1):

'Meta manifattur jew amministratur ta' konsorzju jkun stabbilit fi Stat tal-EFTA, l-awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha timponi primjum għal emissionijiet eċċessivi.

L-ammonti tal-primjum fuq l-emissjonijiet eċċessivi għandhom jitqassmu bejn il-Kummissjoni u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA proporzjonalment mas-sehem ta' regiestrazzjonijiet ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri regiestrati fl-UE jew fl-Istati tal-EFTA, rispettivament, meta mqabbel man-numru totali ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri regiestrati fizi-ŻEE.

- (j) Is-subparagrafi segwenti għandhom jinżdied fl-Artikolu 9(3):

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tuża l-mezzi stabbiliti tagħha għall-ġbir ta' primjums għal emissjonijiet eċċessivi kif stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/100/UE taħt il-paragrafu 1 ukoll fir-rigward ta' regiestrazzjonijiet fl-Istati tal-EFTA ta' manifatturi stabbiliti fl-UE.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tiddetermina l-mezzi biex jinġabru l-primjums għal emissjonijiet eċċessivi taħt il-paragrafu 1. Dawn il-mezzi għandhom ikunu bbażati fuq mezzi tal-Kummissjoni.

- (k) Is-subparagrafu segwenti jiżdied fl-Artikolu 9(4):

‘Għall-Istati tal-EFTA, l-Istati tal-EFTA jiddeterminaw l-allocazzjoni tal-ammonti tal-primjum għal emissjonijiet eċċessivi.’

- (l) Mingħajr preġudizzju għall-Protokoll 1 għall-Ftehim, fl-Artikoli 11(2) u (4) it-tieni subparagrafu, il-kelmiet ‘, jew fil-każ ta' manifatturi stabbiliti fl-Istati tal-EFTA, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA,’ għandhom jiddaħħlu wara l-kelma ‘Kummissjoni’.

- (m) Is-subparagrafu segwenti għandu jinżdied fl-Artikolu 12(2):

‘Fornituri jew manifatturi stabbiliti fl-Istati tal-EFTA għandhom jibagħtu l-applikazzjonijiet skont dan l-Artikolu lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-istess priorità għal tali applikazzjonijiet bħal applikazzjonijiet oħra skont dan l-Artikolu.’

- (n) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 12(4):

‘Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprova teknoloġiji innovattivi skont dan l-Artiklu huma applikabbli b'mod ġenerali u għandhom jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.’

- (o) Dan ir-Regolament ma japplikax għal-Liechtenstein.”

## 2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 21ae (Deċiżjoni Nru 1753/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill:

“21aea. **32011 R 0063:** Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 63/2011 tas-26 ta' Jannar 2011 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni għal deroga mill-miri spċifici tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 23, 27.1.2011, p. 16).

Ir-Regolament għandu, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqara bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Mingħajr preġudizzju għall-Protokoll 1 għall-Ftehim, fl-Artikolu 7(1), il-kliem ‘, jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ, għandhom jiddaħħlu wara l-kelma ‘il-Kummissjoni’.

(b) L-Artikolu 7(2) u l-email imniżżla fl-Anness I ma għandhomx japplikaw fir-rigward tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

21aeb. **32011 R 0725:** Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 tal-25 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u c-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>, minn karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 194, 26.7.2011, p. 19).

21aec. **32010 R 1014:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1014/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' dejta fuq ir-regiestrazzjoni ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 293, 11.11.2010, p. 15), kif emendat b':

— **32012 R 0429:** Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 429/2012 tat-22 ta' Mejju 2012 (ĠU L 132, 23.5.2012, p. 11),

— **32013 R 0396:** Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 396/2013 tat-30 ta' April 2013 (ĠU L 120, 1.5.2013, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Fl-Artikoli 8 u 9, il-kliem ‘, jew fil-każ ta’ manifattur stabbilit fl-Istati tal-EFTA, lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA, għandhom jiddah lu wara l-kelma ‘Kummissjoni’.
- (b) L-Artikolu 9(5) m’għandux japplika fir-rigward tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA.”

#### *Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 443/2009, (UE) Nru 1014/2010, (UE) Nru 63/2011, (UE) Nru 397/2013 u (UE) Nru 333/2014 u r-Regoli ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011, (UE) Nru 429/2012 u (UE) Nru 396/2013 u r-Regolament Delegat (UE) 2015/6 fil-lingwa Iż-żandiqja u l-lingwa Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblifikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma awtentiċi.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħħ fl-17 ta’ Ġunju 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

#### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-16 ta’ Ġunju 2017.

*Għall-Kunitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---

(\*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonal huma indikati.

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 111/2017

tat-16 ta' Ġunju 2017

**li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE [2018/812]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħi,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali hsfief ġodda bħala parti mill-aproċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> minn vetturi hsfief (¹) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 205/2012 tas-6 ta' Jannar 2012 li jemenda l-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sors tad-dejta u tal-parametri tad-dejta li għandhom ikunu rrappurtati mill-Istati Membri (²) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 293/2012 tat-3 ta' April 2012 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' dejta fuq ir-reġistrazzjoni ta' vetturi kummerċjali hsfief ġodda skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 114/2013 tas-6 ta' Novembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-applikazzjoni għal deroga minn miri ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO<sub>2</sub> għal vetturi kummerċjali hsfief ġodda (⁴) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (5) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1047/2013 tal-21 ta' Awwissu 2013 li jemenda r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 114/2013 għall-iskop li jikkoreġi l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> fl-2010 speċifikati għall-manifattur Piaggio (⁵) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (6) Ir-Regolament (UE) Nru 253/2014 tal-Parlament Ewropew u Tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 510/2011 bil-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi kummerċjali hsfief ġodda (⁶) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (7) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2014 tas-17 ta' Frar 2014 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi kummerċjali hsfief ġodda li t-tip tagħhom digħi għie approvat fi proċess b'diversi stadji (⁷) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (8) Ir-Regolament ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 410/2014 tat-23 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 293/2012 dwar il-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> minn vetturi kummerċjali hsfief ġodda skont it-tip approvat fil-proċess ta' diversi stadji (⁸) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (9) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2014 tal-25 ta' April 2014 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u c-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnejja għażiex għall-ġuġi minn vetturi kummerċjali hsfief ġodda (⁹) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (10) L-Anness XX tal-Ftehim ŻEE għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

(¹) ĠUL 145, 31.5.2011, p. 1.

(²) ĠUL 72, 10.3.2012, p. 2.

(³) ĠUL 98, 4.4.2012, p. 1.

(⁴) ĠUL 38, 9.2.2013, p. 1.

(⁵) ĠUL 285, 29.10.2013, p. 1.

(⁶) ĠUL 84, 20.3.2014, p. 38.

(⁷) ĠUL 121, 24.4.2014, p. 1.

(⁸) ĠUL 121, 24.4.2014, p. 21.

(⁹) ĠUL 125, 26.4.2014, p. 57.

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

### Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 21aw (Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XX tal-Ftehim ŻEE:

“21ay. **32011 R 0510:** Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta’ rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali hifief ġodda bħala parti mill-aproċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> minn vetturi hifief (ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1), kif emendat bi:

- **32012 R 0205:** Ir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 205/2012 tas-6 ta’ Jannar 2012 (ĠU L 72, 10.3.2012, p. 2),
- **32014 R 0253:** Ir-Regolament (UE) Nru 253/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 38),
- **32014 R 0404:** Ir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2014 tas-17 ta’ Frar 2014 (ĠU L 121, 24.4.2014, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 7(2):

‘Jekk il-grupp jinkludi biss manifatturi stabbiliti fl-Istati tal-EFTA, il-manifatturi għandhom jirreġistraw l-informazzjoni mal-Awtoritā ta’ Sorveljanza tal-EFTA. Jekk il-konsorzu jinkludi mill-inqas manifattur wieħed stabbilit fl-Unjoni u mill-inqas manifattur wieħed stabbilit fl-Istati tal-EFTA, il-manifatturi għandhom jirreġistraw l-informazzjoni mal-Kummissjoni u l-Awtoritā ta’ Sorveljanza tal-EFTA.’

- (b) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 7(3):

‘L-Awtoritā ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tinnotifika lill-manifatturi stabbiliti fl-Istati tal-EFTA.’

- (c) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 7(4):

‘Jekk il-konsorzu jinkludi biss manifatturi stabbiliti fl-Istati tal-EFTA, il-manifatturi għandhom jinfurmaw b'mod konġunt lill-Awtoritā ta’ Sorveljanza tal-EFTA. Jekk il-konsorzu jinkludi jew huwa estiż biex jinkluži mill-inqas manifattur wieħed stabbilit fl-Unjoni u mill-inqas manifattur wieħed stabbilit fl-Istati tal-EFTA, il-manifatturi għandhom jininformaw b'mod konġunt kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Awtoritā ta’ Sorveljanza tal-EFTA.’

- (d) Fl-Artikolu 7(5), il-kliem ‘Artikoli 101 u 102 TFUE’ għandhom jinqraw ‘Artikoli 53 u 54 tal-Ftehim ŻEE’ u l-kelma ‘Unjoni’ tinqara ‘ŻEE’.

- (e) Fl-Artikolu 7(7) u l-Artikolu 10(1), il-kliem ‘jew l-Awtoritā ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandhom jiddaħħlu wara l-kelma ‘Kummissjoni’.

- (f) Id-data li jirrapportaw l-Istati tal-EFTA tinżamm ukoll fir-reġistru ċentrali msemmi fl-Artikolu 8(4).

- (g) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 8(4):

‘L-Awtoritā ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tagħmel il-kalkoli stipulati fl-ewwel subparagrafu għall-manifatturi stabbiliti fl-Istati tal-EFTA u tinnotifika lil kull manifattur stabbilit fl-Istati tal-EFTA konformi mat-tieni subparagrafu.’

- (h) Mingħajr preġudizzju għall-Protokoll 1 tal-Ftehim, fl-Artikolu 8(5) u (6), l-Artikolu 11(3), (4), (5) u (6), il-kliem ‘jew l-Awtoritā ta’ Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ,’ għandhom jiddaħħlu wara l-kelma ‘Kummissjoni’.

- (i) Is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Artikolu 9(1):

‘Meta manifattur jew amministratur ta’ konsorzu jkun stabbilit fi Stat tal-EFTA, l-awtoritā ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha timponi primjum għal emissjonijiet eċċessivi.

L-ammonti tal-primjum għal emissionijiet eċċessivi għandhom jitqassmu bejn il-Kummissjoni u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA proporzjonalment għas-sehem ta' reġistrazzjonijiet ta' vetturi kummerċjali hſief fl-UE jew fl-Istati tal-EFTA, rispettivament, meta mqabbel mal-għadd totali ta' vetturi kummerċjali hſief irregistratori fiż-ŻEE.'

- (j) Is-subparagrafi li ġejjin għandha jiżdied mal-Artikolu 9(3):

‘Il-Kummissjoni Ewropea għandha tuża l-mezzi stabbiliti tagħha għall-ġbir ta’ primjums għal emissionijiet eċċessivi kif stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/99/UE taħt il-paragrafu 1 ukoll fir-rigward ta’ reġistrazzjonijiet fl-Istati tal-EFTA ta’ manifatturi stabbiliti fl-UE.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tiddetermina l-modi għall-ġbir ta’ primjums għall-emissionijiet eċċessivi taħt il-paragrafu 1. Dawn il-mezzi għandhom ikunu bbażati fuq mezzi tal-Kummissjoni.’

- (k) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 9(4):

‘Għall-Istati tal-EFTA, l-Istati tal-EFTA jiddeterminaw l-allokazzjoni tal-ammonti tal-primjum għal emissionijiet eċċessivi.’

- (l) Mingħajr preġudizzju għall-Protokoll 1 tal-Ftehim, fl-Artikoli 11(2), il-kliem ‘, jew, fil-każ ta’ manifatturi stabbiliti fl-Istati tal-EFTA, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA,’ għandhom jiddaħħlu wara l-kelma ‘Kummissjoni’.

- (m) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 12(2):

‘Fornituri jew manifatturi stabbiliti fl-Istati tal-EFTA għandha jibagħtu applikazzjonijiet konformi ma’ dan l-Artikolu lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-istess prioritā għal tali applikazzjonijiet kif tagħti lil applikazzjonijiet oħrajn skont dan l-artikolu.’

- (n) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 12(4):

‘Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprova teknoloġiji innovattivi skont dan l-Artiklu huma applikabbli b'mod ġenerali u għandhom jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.’

- (o) Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal-Liechtenstein.

21aya. **32012 R 0293:** Ir-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 293/2012 tat-3 ta’ April 2012 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta’ dejta fuq ir-reġistrazzjoni ta’ vetturi kummerċjali hſief ġodda skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 98, 4.4.2012, p. 1), kif emendat minn;

- **32014 R 0410:** Ir-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 410/2014 tat-23 ta’ April 2014 (ĠU L 121, 24.4.2014, p. 21).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandha, għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Fl-Artikoli 9 u 10, il-kliem ‘, jew fil-każ ta’ manifatturi stabbiliti fl-Istati tal-EFTA, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA,’ għandhom jiddaħħlu wara l-kelma ‘Kummissjoni’.

- (b) L-Artikolu 10a(3) ma għandux japplika fir-rigward tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

21ayb. **32013 R 0114:** Ir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 114/2013 tas-6 ta’ Novembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-applikazzjoni għal deroga minn miri ta’ emissionijiet spċifici tas-CO<sub>2</sub>, għal vetturi kummerċjali hſief ġodda (ĠU L 38, 9.2.2013, p. 1) kif emendat minn:

- **32013 R 1047:** Ir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1047/2013 tal-21 ta’ Awwissu 2013 (ĠU L 285, 29.10.2013, p. 1).

Ir-Regolament, għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, jinqara bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Mingħajr preġudizzju għall-Protokoll 1 għall-Ftehim, fl-Artikolu 6(1), il-kliem ‘, jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ, għandhom jiddaħħlu wara l-kelma ‘il-Kummissjoni’.

- (b) L-Artikolu 6(2) u l-email imniżżla fl-Anness I m'għandhomx japplikaw fir-rigward tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

21ayc. **32014 R 0427:** Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2014 tal-25 ta' April 2014 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u c-certiċifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnejja tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi kummerċjali ħsief skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 125, 26.4.2014, p. 57)."

#### Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 510/2011 u (UE) Nru 253/2014, ir-Regolamenti Delegati (UE) Nru 205/2012, (UE) Nru 114/2013, (UE) Nru 1047/2013 u (UE) Nru 404/2014, u r-Regolamenti ta' Implementazzjoni (UE) Nru 293/2012, (UE) Nru 410/2014 u (UE) Nru 427/2014 fil-lingwa Iż-żandekha u l-lingwa Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

#### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fl-17 ta' Ġunju 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

#### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-16 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

---

(\*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonal huma indikati.



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgo  
IL-LUSSEMBURGU

MT